21 13

~~14~~ 14a

# IL GHÈ

## TAL

# POPLU MALTI

## F'il 31 ta Marzu

## tas-sena 1851.

## REVERENDISSIMO CANONICO MICENI

## EX-PROFESSORI

## REGIÆ STUDIORUM UNIVERSITATIS.

Reverendissime Amice

Sciens te habere fluxionem magnam, et forsan mea culpa: mitto hanc caramellam bellam, et dulcem ad dulcificandum cannarozzu Habe me excusatum pro tanta libertate. Vale.

Datum in Civitate intrigantium
Die XX mensis Aprilis
Anno MDCCCLI.

# GHAIDUT.

X'wahda giralom chem hi chbira,
L' imsiechen hbieb tal Gvernatur;
Bakghu 'l coll b'xiber imniher
Ghax f' l' ahiar seier imur.
Mela meta chienu sguri
L' il Gvernatur sejer min haun,
Ghamlu lakgha daun beinietom
Sa bex jokghod b'il fors haun.
Dan ghal chem hua ried jokghod
L'il eghdeua ma riet juri,
Giaghal l' il Fra Steifen u l'il hbieb tighu,
Iaghmlu'u talba mis-signuri.
Isda meta hargiu bigha
Wisk fitit ghamlu ismjet,
Tan-nies colla b'il giuh meita,
U l'ohraiu tfal u patriet.
It-tfal colla ta l' iscola
Bigha Fra Steifen dar,
U sachem ftit minhom lakkat
Xioghol kamel daks chbir hmar.
Meta rau din it-tbatja
Hbiebu 'l coll ghalih henneu,
L'il Giambomblu lakkghu mighu
U l' arcipriet u l'il-Neveu.
Meta dahlu daun fin-nassa
Issuk collu beda idur,
Ghaliex kalulu l' in-nies tighu
Dauna maghna huma sgur.
Izda daun innies tas-suk
Li fukom chellom tama chbira;
Ma setghux ilaktu minnom
Ghair xi ghaita u xi tis-sfira.
L' erbgha hargiu rasom baxxa
U ghaineihom iharsu f'lard
Eja immorru, kal Fra Steifen,
Naharbu iz-zcuch min tal pastard.
"Figlioli aspettate, kal Miceni,
Ucoll Giambomblu u l' arcipriet,
Mil pastard ma ghanniex biza
Ghair mil hass u xi basliet.
Wara hech tahbila chbira
Kabes fostom is-sensal,
Xein ma nistghu ahna naghmlu,
La ma haux maghna tal Catedral.
"Nego majorem, Miceni kallu,
Cul fein dejem inthalt jena
Insemmilech mux biex niftahar
It tiduiba tal kampiena.
Ta bil hakk un accidente
Li fih jena ma hsibt xein,
Già non era grande cosa
L' irnexxietli b'la widnein.
La darba irgiait dewibta
B' halli chiecu xein ma giara,
Mil kies bis ftit ichbar gietni
Izda f' dan indunait wara.
Meta gew biex itelghua
Cul had kal li jena hmar,
Izda jen sibtila irmiediu
Ghax lakkaxtila il campnar.
Meta in-nies min tal Furiana
Jenfirdu riedu min-na,
Induvnau xin hu li giara?
Min habba fja collox fisdin-na.
Meta giè il gvernatur l' ihor,
Inthald cont jen ghal-lakgha tighu,
Tahsbux li giet xi folla chbira?
Le. Giambomblu u iena tlaina mighu.
T'iftacarx Fra Dun Giambomblu
Fil banda li gibna tas-suldati
Inti cont ma duarom tigiri,
U l' imbit rid il cul had tati?
Niftacar iva kabes Giambomblu,
U niftakar wisk sigur,
Li ghal diça l' iscrizioni
X' xebgha tac l' *Osservatur!!*
*Ne memineris* kal Miceni
Mil hwejeg colla l' imghoddja,
Ghax meta figha ien niftacar
F'l'ard wicci jaka b' il misthja.

*Ua sapete il perchè u daca,"*
Kal Giambombiu hafna chliem,
Steifen kallu u l' arcipriet mighu
Iahtieg inghaddu il koddiem.
[M]ela raddeu salib ghal wicciom
U Beinietom ghamlu cumitat,
Sa biex jestiednu xi nies ohra,
Mahhom ucoll xi avucat.
[W]ara li huma ftiehmu
U cul hagia giet mahsuba;
L' il marchis l' ewel ma stiednu
U l' avucat ghainu mixruba.
[I]zda daun ma chenux bizzejet
Nahtiegiu ohrain nistiednu sgur,
Biex ma tigix ghira beinietna
Nistiednu ucoll l' il monsignur.
[I]l monsignur, dach li ftit ilu
Chien chiteb itlra l' il gvernatur,
Ismu heba u ma tifel baghata
Ghax taghmillu chienet disunur!
[D]ana jen rid inghedulcom
Biex wihed b' ihor ma tehdux,
U tcunu il coll tafu min hua
U ma ta l' isla ma t'ibdlux.
[L]abzu 'l coll, Ghandna nistiednu
L' iscrapar colla, u 'l consliet
Tal mastranza, u 'l bicciera
Tal Furiana u l' erba blied.
[S]a f'l'ahhar huma ftiehmu
Li jeltakghu n' har l' itnein
Miceni ried jaf sewa
*Ubi, dove, u sgur fein.*
[F]is-sagristja ta S. Paul
T' intaka kella id-deputazioni,
Sa biex min hem huma johorgiu
Il coll f' limchien b' il purcissioni.
Sa biex avzat icun cul had
U 'l purcissioni t' cun wisk chbira;
Elfein itlra Steifen baghad
L' il wisk nies min ta di 'l gzira.
N'har l'itnein f'il ghaxra u nofs
Miceni gie f'is-sagristja
B' il-lehia frisca u collu mzejen
Iestenna kaghad il cumpagnia.

Izda meta korbu 'l hdax
Rasu chibret daks ballun
" *Diascane*, kal, *kattus ma giex* "
X' wahda ghamel dac il buffun.
Malli kighed dal chliem iomghod,
Fra Steifen gie f'is-sagristja,
Kallu *Domine*, eja, feinom
Is-sit elef u hames mja?
Idmir tighi jen aghmilt collu
Sa biex t' irnexxi mil-l'ahiar,
X' ghandi naghmel mux tort tighi
Jech halleuni 'l col b' hal hmar.
Iva feinhom il patriet colla
Li huma inchitbu f'il petizioni?
Chellom ghal-l' inkas ighedulna
U le jaghmlulna din l' azioni.
Ir-ragiuni li ma gieux
Ghax hua 'l hin tar-refetoriu
Meta huma hem migimugha,
Jenseu l' eruieh tal purgatoriu!!
Wara li sama dal chliem collu
'l Miceni wisk sghobbieh
Li mat tfal mar hu jendahal
La darba fostom l' actar xieh.
Mela malli il hdax dakku
Jengiemghu bedghu 'l mistednin
Zeug mercanti u Fra Cieka
Il bkja l' ohra kassisin.
Wenzu, Masu, u tal Mosta
L' avucati 'l mistednin
Il consiglier u ibnu l' abbati
Wara daun chienu geijn.
Il consiglier u ibnu l' abbati
Biex niftiehmu, iz-zebbuggin
Ghand ir-Ramli huma dahlu
U bakghu hem mistohbijn.
Meta il hin hu beda diehel
U nofs sigha dakket fuk il hdax,
Miceni ghaddom b' has-suldati,
U sab li huma chienu tnax.
Chif hec chienu 'l coll migimughu
Hareg Fra Steifen 'l petizioni
Zamma f' idu b' hala hiara
Il hargiu bigha purcissioni.

In-nies chienet t' istenniehom
U mxerda chienet fit-trekat
Dal mument l' arcipriet deher
Sal palazz wasal b'l'eghiat.
*Sibuli tokba fein nistahba*,
Beda jeleg, u ghajat b' vuci fgala,
Ghax bit-tisfir il poplu wasslu
Min tal palazz sa giò l' intrata.
Hem x'cont t'ara sigha kabel
Jestenneu f' il cantunieri,
Don Filippu u 'l Ginuis bonci
U l' asmaticu *Canterieri*.
X'bin waslu fein il piazza
Chien hem numru ta nies chbir
Li cont flocom cont t' istahba
Chif il ghe beda ut-tisfir!
Chien hem wihed xein ma baza
Gieb suffara tal pluvieri,
Oh it-tisfir chif chien jenstama
Sa mil-libghad cantunieri.
Cap di fila ghazlu 'l Fra Cieka,
Ruh mill' itwal u nexfin,
Xi sthailtech cont int tàra
Ghair flixcun tal-mareschin?
Dan li jobghod tant l' inglisi
U ir religion jestenna sgur,
Mela chellu l' inglis iservi
Cap di fila u tambur maggiur?
Uraih giè l' avucat tal mosta
Li wicciu icreh bosta,
Subghaih ghamel b'hal pinzetta
U bexxak ghainu b'hal accetta.
Chif huma f'l'intrata dahlu
Tal palazz, il col ghaxijn,
Kalu iva ghandna iosofru
Ghala 'l gid min tal Maltin.
Malli waslu f'nofs it-tarag
Saret f'nosom discussioni
Min minhom ghandu jersak
Jeppresenta 'l petizioni.
Ghal-l'ewel cul had staha
Il koddiem kabbzu 'l Marchis
Izda dan ma tant jenkala
La bi't-talian, l' ankas b'l'inglis.
Mela daun fliehmu beinietom
U l'il Miceni wisck talbuh
L' ankas dan ma riet jaccetta,
Ghax b'ir-roghda hassu makluh.
Sa f'l'ahhar immela flieh mu
Li tal Mosta ghandu l' avucat
Jethol hua koddiem bigha
Ghax fostom hu l' actar sfruntat.
Malli dahlu il coll f'is sala
Il Gvernatur chien jesten nihom
Chif dan raghom hecca sofor
Xinhu li ghandom hu saksiehom?
Mela l' arcipriet kallu
*Veni in altitudinem maris*
*Et tempestas demersit me.*
Malli usalt ien fein il piazza
Cul had dar mighi u ghajat ghè.
X' uahda dina il gvernatur kallom
X'irnexxiet chergha din l' affari
Dan il colp ragia fallieli
Ghax dal ghè hu popolari.
Miceni kal l'il Eccellenza
*Laboravi clamans raucæ*
*Factæ sun fauces meæ.*
Rait chem ghalich raina?
Cul had saffrilna u ghajat ghè!
Sa chem bakghu daun it-tnax
F'is-sala fuk mal gvernatur
Il poplu collu b' il hrara isaksi
Meta hi is-sigha li ghandu imur.
Il poplu baka hem jestenna
F'il cantunieri u f'nofs il piazza
Ghal canonchi cul had staghgeb
Li riedu ibeghbuna min habba 'l maz
Ma jeftacrux f' il gidri kalu
F' il corla u 'l mard tal bahar,
U chif giè dax-xitan hauna
Il col ghakkisna f'l'acbar fakar?
F'rocna ohra chienu igheidu
Cul ma ghamel cul had rà,
Li malli kighed sieku f' Malta
L' ewel ma nehha 'l carità.
It-tieni hagia ghalla 'l chera
U l' actar li ghakkes hua 'l fkir.

Ghal dan collu xinhu li imissu
Hlief il ghè u hafna t' isfir !
Meta 'lcorla hu giebilna
Min habba fih sefrulna igfien
Ghal daks hec xinhu li hakku
Hlief insaffru 'l coll f' l' imchien.
Lewel ma weblu huma 'l fokra
Ghax l' ilom ghalak l' isptariet
Ghal dakstant il col maghkuda
Il ghè inghaitu ghal tliet darbiet.
F' l' ahhar mumenti tighu
Giebna 'l coll f' l' acbar tahbita
Il cul had gherfex, il cul had habbat
B'din l' affari tal munita.
Dana hua dac il bniedem
Li eghmminnielu luminazioni ?
T'isfira il col hakkom
Dauch it-tnax tal purcissioni.
Mela f' il wakt l' il poplu
Jeftacar chien f'dal fattiet
Daun it tnax mil palaz hargiu
Il col sofor daks l' imuiet.
L' avucat ghainu mixruba
Ra li serva ta buffun,
Meta nizel il gistacor naza
U fuku ghamel is surtun.
Chif spicciat il purcissioni
Miceni mar iddar,
Malli wasal f'is sodda inxehed
U beda jocrom bhala hmar.

Is-seftura hadet katgha
Malli rad jocrob l' is-signur,
Chif saksietu signur x' ghandech
Hallini, kalila ghax sejer infur.
Malli kalila dan il chliem,
Beda jebchi b'hal tarbja,
Din ir-raghxa kad ma ninsa
Sa mit sena niftacar fja.
Issa dan collu x'chellech bzonnu
Kabzet kaltlu is-seftura
Maria, hec kalila,
Kad ma cont nobsor f'dil praspu
Nistaghgieb minnech x' inhu li jonk
La ma ghandech inti bzon tal flk
Maria hallini quiet nitolboc
U gib i ftit brodu tal fellus.
Meta hu sab ruhu wahdu
Ta dakka fuk halku chbira
Giarraf sinna li ghandu falza
Kal x' uahda girali, t'isuieli lira !
Biex tcun taf jen scular tighech
Ghax inhobboch sur Neveu
Daun il versi rid naghmillech
U iccumpatini jech ma humex se
Mela Ghè ! Ghè ! u Ghè !
Il ftit meitin b' il giuh
B'hafna slaleb u xi isem
Il hila chellom jakalghuh.

Tmiem.